KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fil-15 ta’ Ottubru 2015[1]

**Kawża C-431/14 P**

**Ir-Repubblika Ellenika**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell — Għajnuna mill-Istat — Ħlasijiet ta’ kumpens mogħtija mill-Organizzazzjoni Griega tal-Assigurazzjoni Agrikola (ELGA) matul l-2008 u l-2009 — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Kunċett ta’ għajnuna mill-Istat — Għajnuna mill-Istat li tista’ titqies bħala kompatibbli mas-suq intern — Artikolu 107(3)(b) TFUE — Qafas Komunitarju temporanju għal miżuri ta’ għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika”

1. Bl-appell tagħha, ir-Repubblika Ellenika titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (iktar ’il quddiem is-“sentenza appellata”)[2], li fiha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/157/UE, tas-7 ta’ Diċembru 2011, dwar ħlasijiet ta’ kumpens mogħtija mill-Organizzazzjoni Griega tal-Assigurazzjoni Agrikola (ELGA) matul l-2008 u l-2009 (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”)[3].

## Il-kuntest ġuridiku

### *TFUE*

2. L-Artikolu 107(1) TFUE jipprovdi li, ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta’ kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta’ riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta’ distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

3. Skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE, tista’ titqies bħala kompatibbli mas-suq intern l-għajnuna maħsuba b’mod partikolari sabiex tirrimedja taħwid serju fl-ekonomija ta’ Stat Membru.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — T-52/12, EU:T:2014:677.
3 — ĠU 2012, L 78, p. 21.

*Qafas Komunitarju temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika*

4. Fit-22 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat komunikazzjoni dwar Qafas Komunitarju temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (iktar 'il quddiem il-"QKT") [4]. Din il-komunikazzjoni nnotat b'mod partikolari li din il-kriżi globali kienet tirrikjedi reazzjonijiet eċċezzjonali min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi, li jmorru lil hinn mis-sostenn ta' emerġenza mogħti lis-sistema finanzjarja [5]. Fid-dawl tas-serjetà tal-kriżi finanzjarja attwali u tal-impatt tagħha fuq l-ekonomija globali tal-Istati Membri, il-Kummissjoni qieset għalhekk li xi kategoriji ta' għajnuna mill-Istat kienu ġġustifikati, għal perijodu limitat, biex dawn id-diffikultajiet jingħelbu u li dawn jistgħu jiġu ddikjarati kompatibbli mas-suq komuni fuq il-bażi ta' dak li minn dakinhar sar l-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

5. Filwaqt li ħabbret li kienet qiegħda tawtorizza b'mod temporanju u taħt ċerti kundizzjonijiet l-għoti ta' għajnuna li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-Kummissjoni speċifikat li din l-awtorizzazzjoni ma kinitx tikkonċerna l-iskemi ta' għajnuna favur impriżi speċjalizzati fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli [6].

6. Fil-punt 7 tal-QKT, il-Kummissjoni b'mod partikolari indikat is-segwenti:

"Il-Kummissjoni se tapplika din il-Komunikazzjoni [mis-17 ta' Diċembru 2008, data li fiha hija adottat il-kontenut tagħha fil-prinċipju, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-kuntest ekonomiku u finanzjarju li kien jeħtieġ azzjoni immedjata]. Din il-Komunikazzjoni hija ġustifikata mill-problemi eċċezzjonali u tranżitorji attwali ta' finanzjament konnessi mal-kriżi bankarja u ma tiġix applikata wara l-31 ta' Diċembru 2010. Wara li tikkonsulta mal-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tirrevediha qabel dik id-data fuq il-bażi ta' konsiderazzjonijiet ekonomiċi importanti jew konsiderazzjonijiet ta' politika tal-kompetizzjoni. [...]

[...]

Skond l-avviż tal-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni tar-regoli applikabbli għall-evalwazzjoni ta' għajnuna mill-Istat li mhix skond il-liġi [[7]], il-Kummissjoni se tapplika dan li ġej fil-każ ta' għajnuna mhix notifikata:

a) din il-Komunikazzjoni, jekk l-għajnuna ngħatat wara is-17 ta' Diċembru 2008;

[...]"

7. Il-Kummissjoni emendat il-QKT permezz ta' komunikazzjoni ppubblikata fil-31 ta' Ottubru 2009 [8]. Skont il-punt 1 ta' din il-komunikazzjoni:

"[...]

Il-possibbiltà skont il-punt 4.2 [tal-QKT] li jingħata ammont limitat kompatibbli ta' għajnuna ma japplikax għall-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli. Il-bdiewa, madankollu, iltaqgħu ma' diffikultajiet akbar biex jiksbu l-kreditu bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja.

4 — ĠU C 16, p. 1.
5 — It-tielet paragrafu tal-punt 4.1 tal-QKT.
6 — Il-paragrafu 3(h) tal-punt 4.2.2 tal-QKT.
7 — ĠU 2002, C 119, p. 22.
8 — ĠU C 261, p. 2.

[…] [J]ixraq li jiġi introdott ammont limitat kompatibbli separat għall-għajnuna lill-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli.”

8. Il-paragrafu 3(h) tal-punt 4.2.2 tal-QKT, kif emendat minn din il-komunikazzjoni, jiddisponi dan li ġej:

“Il-Kummissjoni se tqis għajnuna mill-Istat bħal din kompatibbli mas-suq komuni fuq il-bażi tal-Artikolu [107](3)(b) tat-[TFUE] sakemm l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu sodisfatti:

[…]

h) “l-iskema tal-għajnuna tapplika kif inhi għal dawk l-impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli […], sakemm l-għajnuna tkun kundizzjonali fuq li tingħadda parzjalment jew kollha lill-produtturi primarji. Meta l-għajnuna tingħata lill-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli […], l-għotja ta’ flus (jew l-ekwivalenti gross tal-għotja) ma taqbiżx EUR 15 000 l-impriża […]”

9. Din l-emenda tal-QKT saret effettiva mit-28 ta’ Ottubru 2009.

*Id-dritt Grieg*

10. Il-Liġi Nru 1790/1998 stabbilixxiet organu ta’ interess pubbliku msejjaħ “Organizzazzjoni Griega tal-Assigurazzjoni Agrikola” (ELGA). L-ELGA, li hija persuna ġuridika rregolata mid-dritt privat li tappartjeni kollha kemm hi għall-Istat, għandha l-għan b’mod partikolari li tiżgura l-produzzjoni veġetali u tal-annimali kif ukoll il-kapital veġetali u l-kapital tal-annimali tal-operaturi agrikoli mid-danni li jirriżultaw minn riskji naturali.

11. B’konformità mal-Artikolu 3a tal-Liġi Nru 1790/1988, fil-verżjoni applikabbli għall-kawża, l-iskema ta’ assigurazzjoni tal-ELGA hija obbligatorja u tkopri riskji naturali bħal għargħar u nixfa. Għal dan l-għan, l-Artikolu 5a jimponi kontribuzzjoni speċjali tal-assigurazzjoni favur l-ELGA li għandha titħallas mill-produtturi ta’ prodotti agrikoli li jibbenefikaw minn din l-iskema ta’ assigurazzjoni. Ir-rata ta’ din il-kontribuzzjoni, li d-dħul minnha jidħol fil-baġit tal-Istat, tvarja skont jekk l-assigurazzjoni tkoprix prodott li joriġina minn annimali jew prodott veġetali.

## Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

12. Fit-30 ta’ Jannar 2009, il-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi u l-Ministru tal-Iżvilupp Rurali u tal-Alimentazzjoni adottaw id-Digriet Interministerjali Nru 262037 dwar il-kumpens b’mod eċċezzjonali minħabba danni għall-produzzjoni agrikola (iktar ’il quddiem id-“Digriet Interministerjali”). Id-Digriet Interministerjali kien jipprevedi li kumpens, f’ammont ta’ EUR 425 miljun, kellhom jitħallsu b’mod eċċezzjonali mill-ELGA minħabba t-tnaqqis fil-produzzjoni ta’ ċerti wċuħ tar-raba’ li seħħ matul is-sena ta’ tkabbir 2008, dovut għal kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena. L-ispejjeż magħmula b’applikazzjoni tiegħu fuq il-baġit tal-ELGA kienu ġew iffinanzjati permezz ta’ self minn din l-organizzazzjoni mingħand xi banek, bil-garanzija tal-Istat.

13. B’ittra tal-20 ta’ Marzu 2009, mibgħuta b’risposta għal talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, ir-Repubblika Ellenika informat lil din tal-aħħar li l-ELGA barra minn hekk kienet ħallset ukoll kumpens lill-bdiewa fl-2008 għal danni koperti mill-assigurazzjoni, f’ammont ta’ EUR 386 986 648. Dan l-ammont kien parzjalment provenjenti mill-kontribuzzjonijiet ta’ assigurazzjoni mħallsa mill-produtturi u parzjalment mid-dħul miksub permezz ta’ self ta’ EUR 444 miljun li l-ELGA kisbet mingħand bank bil-garanzija tal-Istat.

14. B'deċiżjoni tas-27 ta' Jannar 2010[9], il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali stabbilita fl-Artikolu 108(2) TFUE, fil-Kawża C 3/10 (ex NN 39/09), dwar ħlasijiet ta' kumpens mogħtija mill-ELGA matul is-snin 2008 u 2009.

15. Fis-7 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata, li b'mod partikolari tiddisponi kif ġej:

*"Artikolu 1*

1. Il-kumpens imħallsa mill-[ELGA] lill-produtturi ta' prodotti agrikoli matul is-snin 2008 u l-2009 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

2. Il-ħlasijiet ta' kumpens mogħtija fl-2008 taħt l-iskema ta' assigurazzjoni speċjali obbligatorja huma kompatibbli mas-suq intern f'dak li jirrigwarda għajnuna sa EUR 349 493 652,03 li l-ELGA tat lill-produtturi sabiex tpatti għal telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex tagħhom kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-għajnuna relatata mat-telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex minħabba l-ors sa EUR 91 500 u ma' azzjonijiet korrettivi li ttieħdu fil-kuntest tal-għajnuna msemmija hawn fuq. Il-ħlas ta' kumpens li jikkorrispondi għall-ammont li jifdal u li tħallas fl-2008 taħt l-iskema ta' assigurazzjoni speċjali, huwa inkompatibbli mas-suq intern.

3. Il-ħlas ta' kumpens f'ammont ta' EUR 27 614 905 li [ngħata] fl-2009 skont id-[Digriet Interministerjali] [huwa] kompatibbli mas-suq intern.

Il-ħlas ta' kumpens ta' EUR 387 404 547, li [ngħata] lill-produtturi f'dati qabel dik tat-28 ta' Ottubru 2009 [ma huwiex] kompatibbli mas-suq intern. Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-għajnuna li, meta ngħatat, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament [tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2007, tal-20 ta' Diċembru 2007, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli (107 u 108 TFUE) għall-għajnuniet *de minimis* fis-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli (ĠU L 337, p. 35)].

*Artikolu 2*

1. [Ir-Repubblika Ellenika] għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tirkupra, mingħand il-benefiċjarji tagħha, l-għajnuna inkompatibbli msemmija fl-Artikolu 1 u li diġà tqiegħdet illegalment għad-dispożizzjoni tagħhom.

[...]"

## Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

16. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Frar 2012, ir-Repubblika Ellenika ppreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. B'att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-istess jum, ir-Repubblika Ellenika ressqet, abbażi tal-Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE, talba għal miżuri provviżorji, intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. B'digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali Il-Greċja vs Il-Kummissjoni[10], ġiet ordnata s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din id-deċiżjoni kienet tordna lir-Repubblika Ellenika biex tirkupra l-għajnuna inkompatibbli msemmija fl-Artikolu 1 mingħand il-benefiċjarji tagħha.

9 — ĠU C 72, p. 12.

10 — T-52/12 R, EU:T:2012:447.

17. Ir-Repubblika Ellenika invokat seba' motivi biex tappoġġa r-rikors tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

## Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-aggravji u t-talbiet tal-partijiet

18. Bl-appell tagħha, ippreżentat b'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Settembru 2014, ir-Repubblika Ellenika titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata u d-deċiżjoni kkontestata kif ukoll tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

19. Ir-Repubblika Ellenika tinvoka tliet aggravji insostenn ta' din it-talba. L-ewwel wieħed, li huwa bbażat essenzjalment fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, fuq nuqqas ta' motivazzjoni u fuq żnaturament tal-provi, huwa maqsum f'żewġ partijiet. Fl-ewwel waħda, ir-Repubblika Ellenika takkuża lill-Qorti Ġenerali li kklassifikat bħala "riżorsi tal-Istat" il-kontribuzzjonijiet obbligatorji mħallsa fl-2008 u l-2009 mill-bdiewa li kienu bbenefikaw mill-ħlasijiet ta' kumpens matul dawn is-snin. Fit-tieni parti, tilmenta li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ammonti korrispondenti għal dawn il-kontribuzzjonijiet kellhom jitnaqqsu mill-għajnuna li kellha tiġi rkuprata, ladarba dawn l-ammonti ma setgħux jagħtu vantaġġ ekonomiku lill-bdiewa kkonċernati li x'aktarx jikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni lill-bdiewa kkonċernati. Bit-tieni aggravju tagħha, li huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE u fuq nuqqas ta' motivazzjoni, ir-Repubblika Ellenika essenzjalment takkuża lill-Qorti Ġenerali li ddeċidiet li l-ħlasijiet ta' kumpens magħmula mill-ELGA fl-2009 kienu taw lill-benefiċjarji tagħhom vantaġġ ekonomiku selettiv li jista' jikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ bejn l-Istati Membri u li b'hekk kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Is-sitwazzjoni eċċezzjonali ta' kriżi li kienet qed tesperjenza l-ekonomija Griega f'dak iż-żmien kienet tostakola tali konklużjoni. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni. Fl-ewwel parti, ir-Repubblika Ellenika takkuża lill-Qorti Ġenerali li qieset li l-ħlasijiet ikkontestati magħmula fl-2009 ma setgħux jiġu ddikjarati bħala kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni sa fejn l-iskema li tagħmel l-għajnuna mill-Istat inqas stretta prevista mill-QKT ma tapplikax għall-għajnuna mogħtija lil impriżi speċjalizzati fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli. Hija ssostni li l-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni, f'dan ir-rigward, is-sitwazzjoni ta' kriżi mfakkra iktar 'il fuq. Fit-tieni parti, hija tilmenta li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx l-argument tagħha li skontu d-deċiżjoni kkontestata kienet eċċessiva fis-sens li kienet tordna, f'Diċembru 2011, l-irkupru tal-ħlasijiet ta' kumpens mogħtija mill-ELGA matul is-snin 2008 u 2009, għalkemm din il-kriżi sadanittant kienet aggravat.

20. Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell bħala inammissibbli jew bħala infondat kif ukoll biex tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

21. B'rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Settembru 2014, ir-Repubblika Ellenika ressqet talba għal miżuri provviżorji skont l-Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE intiża, b'mod partikolari, biex il-Qorti tal-Ġustizzja tissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata sakemm tiddeċiedi dwar l-appell tagħha. Il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja ċaħad din it-talba għal miżuri provviżorji minħabba li din tal-aħħar ma kinitx tissodisfa l-kundizzjoni b'rabta mal-*fumus boni juris* [11].

22. B'ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Marzu 2015, ir-Repubblika Ellenika, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja tiltaqa' bħala Awla Manja.

11 — Digriet Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-431/14 P-R, EU:C:2014:2418.

23. Waqt il-laqgħa ġenerali tagħha tat-30 ta' Ġunju 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tassenja l-kawża lill-Awla Manja b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, għall-finijiet tal-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura. Barra minn hekk, hija qieset li l-kawża la kienet teħtieġ seduta u lanqas il-preżentazzjoni ta' konklużjonijiet.

24. Waqt l-ewwel deliberazzjoni tagħha, l-Awla Manja madankollu qieset li t-trattament tal-ewwel parti tat-tielet aggravju kien jiġġustifika seduta u l-preżentazzjoni ta' konklużjonijiet. Waqt il-laqgħa ġenerali tagħha tat-2 ta' Settembru 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja konsegwentement iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali u stiednet lill-partijiet jiffokaw is-sottomissjonijiet orali tagħhom fuq din il-parti.

25. Ir-Repubblika Ellenika u l-Kummissjoni ppreżentaw sottomissjonijiet orali waqt is-seduta li nżammet fis-6 ta' Ottubru 2015.

## Analiżi

*Osservazzjonijiet preliminari*

26. Jien ser nillimita ruħi sabiex neżamina l-ewwel parti tat-tielet aggravju. Kif fakkart iktar 'il fuq, fil-fatt hija biss din il-parti tal-argument tar-Repubblika Ellenika li wasslet lill-Awla Manja sabiex tqis, minkejja d-direzzjoni li ħadet inizjalment fil-laqgħa ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2015, li din il-kawża kienet teħtieġ seduta u l-preżentazzjoni ta' konklużjonijiet.

27. L-ewwel nett, nixtieq nenfasizza li dawn il-konklużjonijiet għandhom biss l-għan li jeżaminaw l-ammissibbiltà u l-fondatezza ta' dan l-argument, li essenzjalment huwa dwar il-prinċipju nnifsu tal-applikazzjoni diretta tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, indipendentement mill-kundizzjonijiet previsti mill-QKT. Dan l-eżami tad-dritt bl-ebda mod ma jimplika li għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni ekonomika sottostanti. B'hekk, ser noqgħod lura milli nikkonferma jew niċħad id-diffikultajiet li kien għaddej minnhom is-settur agrikolu fil-Greċja mill-2008 jew milli nqis il-portata tagħhom [12].

*Eżami tal-ewwel parti tat-tielet aggravju*

L-argumenti tal-partijiet

28. Skont ir-Repubblika Ellenika, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ma kkonstatatx li l-ħlasijiet ikkontestati magħmula mill-ELGA fl-2009 kienu kompatibbli mas-suq intern direttament fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE. Il-kriżi li kienet qed tiffaċċja dak iż-żmien kienet ħolqot taħwid serju tal-ekonomija tagħha fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li kien jiġġustifika l-għoti tal-għajnuna lill-impriżi tas-settur agrikolu. L-esklużjoni ta' tali għajnuna mill-iskema li tirrendi l-għajnuna inqas stretta, prevista mill-QKT qabel l-emenda tiegħu f'Ottubru 2009 ma għandhiex importanza. Iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali tal-kriżi li kienu qed jaffettwaw lill-ekonomija Griega meta ngħatat din l-għajnuna fil-fatt kienu differenti mis-sitwazzjoni finanzjarja fil-livell globali li kienet iġġustifikat l-adozzjoni ta' din il-komunikazzjoni.

29. Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti tal-argument tar-Repubblika Ellenika hija inammissibbli. Minn naħa, dan l-ilment għandu l-għan li jqajjem dubji dwar l-evalwazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti Ġenerali. Min-naħa l-oħra, l-argument ippreżentat għal dan l-għan kien tardiv ladarba r-Repubblika Ellenika, fl-ewwel istanza, ma wrietx iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali tal-kriżi li qed tinvoka fl-appell tagħha. Il-Kummissjoni tikkontesta wkoll il-fondatezza tal-ewwel parti tat-tielet aggravju.

12 — Ċertu numru ta' spjegazzjonijiet addizzjonali rigward dawn id-diffikulatijiet matul is-seduta, fil-fehma tiegħi, ma humiex rilevanti għall-eżami ta' dan l-appell.

Evalwazzjoni

30. L-argument tal-Kummissjoni ma jistax jiġi segwit meta hija tikkontesta l-ammissibbiltà tal-ewwel parti tat-tielet aggravju.

31. Huwa minnu li, b'konformità mal-Artikolu 256(1) TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell huwa limitat għall-punti ta' liġi. B'hekk, il-Qorti Ġenerali hija l-unika qorti kompetenti sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll biex tevalwa l-provi, peress li l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ ta' żnaturament, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell [13].

32. L-ewwel parti tat-tielet aggravju madankollu ma għandhiex l-għan li tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja terġa' twettaq evalwazzjoni mill-ġdid tal-fatti magħmula mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-argument tar-Repubblika Ellenika dwar il-kriżi ekonomika li kienet għaddejja minnha fl-2009. B'dan l-aspett tal-appell tagħha, ir-Repubblika Ellenika tesponi biss l-iżball ta' liġi li allegatament twettaq mill-Qorti Ġenerali fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, billi tqis li din id-dispożizzjoni ma setgħetx tiġi applikata direttament u b'mod indipendenti mill-QKT.

33. Ma ninsabx iktar konvinta bir-raġunament tal-Kummissjoni, li skontu dan l-argument jinvoka b'manjiera tardiva fatti li ma ġewx żvelati quddiem l-ewwel qorti.

34. Mill-proċess tal-ewwel istanza jirriżulta li r-Repubblika Ellenika, kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 135 tas-sentenza appellata, invokat, sabiex issostni r-rikors għal annullament tagħha, l-eżistenza ta' kriżi serja li kienet ilha taffettwa lill-ekonomija tagħha minn tmiem l-2008. Dan l-argument kellu l-għan, fost affarijiet oħrajn, li juri li l-ħlasijiet ikkontestati magħmula mill-ELGA fl-2009 kellhom jiġu ddikjarati kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE. Madankollu, il-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata ma ħaditx deċiżjoni dwar l-eżistenza bħala tali ta' taħwid serju tal-ekonomija Griega f'dan iż-żmien, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni. B'risposta għar-raba' motiv tar-rikors għal annullament, essenzjalment din qieset li l-Kummissjoni kienet marbuta mill-QKT u li għalhekk ma kellhiex tiddikjara l-ħlasijiet magħmula mill-ELGA fl-2009 bħala kompatibbli mas-suq intern direttament fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE [14]. Kif indikajt qabel [15], l-uniku suġġett tal-ewwel parti tat-tielet aggravju huwa dan ir-raġunament legali.

35. Fuq il-mertu, l-ewwel nett jeħtieġ li jitfakkar li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet dan li ġej fil-punti 185 sa 188 tas-sentenza appellata:

"185 Fir-rigward tal-argumenti mqajma fil-kuntest tar-raba' motiv, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ssostni r-Repubblika Ellenika, il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq il-[QKT] u mhux tapplika l-Artikolu 107(3)(b) TFUE direttament biex tevalwa l-kompatibbiltà tal-ħlasijiet magħmula mill-ELGA fl-2009 minħabba l-kriżi ekonomika li kien hemm il-Greċja.

186 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, bl-adozzjoni ta' dawn ir-regoli ta' kondotta u bit-tħabbir, permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom, li hija kienet ser tapplikahom minn dak il-mument għall-każijiet koperti minnhom, il-Kummissjoni tillimita ruħha fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha u ma tistax tmur kontra dawn ir-regoli mingħajr ma tinstab fi ksur, skont il-każ, tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, bħal dawk ta' ugwaljanza fit-trattament jew ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi (ara s-sentenza Il-Ġermanja *et* vs Kronofrance, [C-75/05 P u C-80/05 P, EU:C:2008:482], punt 60, u l-ġurisprudenza ċċitata, is-sentenza [...] Holland Malt vs Il-Kummissjoni, C-464/09 P, [EU:C:2010:733, punt 46).

13 — Ara, b'mod partikolari, id-digriet Industrias Alen vs The Clorox Company, C-422/12 P, EU:C:2014:57, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata.

14 — Punti 185 sa 188 tas-sentenza appellata, li jien niċċita wkoll fil-punt li ġej ta' dawn il-konklużjonijiet.

15 — Punt 32 iktar 'il fuq.

187 Għaldaqstant, fil-qasam speċifiku tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni hija marbuta bl-oqfsa u l-komunikazzjonijiet adottati minnha, sa fejn dawn ma jidderogawx mid-dispożizzjonijiet tat-trattat (ara s-sentenza Holland Malt vs Il-Kummissjoni, [C-464/09 P, EU:C:2010:733], punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata)

188 Konsegwentement, jeħtieġ li jiġu miċħuda l-argumenti tar-Repubblika Ellenika, skont liema minħabba t-taħwid serju fl-ekonomija Griega minħabba l-kriżi ekonomika li kien hemm il-Greċja minn tmiem is-sena 2008 u fl-2009, il-Kummissjoni kellha tiddikjara l-ħlasijiet magħmula mill-ELGA fl-2009 kompatibbli direttament fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

36. Sussegwentement, hemm lok li titfakkar il-ġurisprudenza stabbilita sew li skontha l-Artikolu 107(3)(b) TFUE għandu jkun suġġett għal interpretazzjoni stretta peress li huwa jadotta deroga mill-prinċipju ġenerali ta' inkompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq komuni [16].

37. Għaldaqstant, l-għajnuna li taqa' taħt din id-dispożizzjoni ma hijiex *ex lege* kompatibbli mas-suq intern, iżda tista' titqies kompatibbli mal-imsemmi suq mill-Kummissjoni. Din l-evalwazzjoni taqa' fil-kompetenza esklużiva ta' din l-istituzzjoni, li taġixxi taħt l-istħarriġ tal-qrati tal-Unjoni [17].

38. F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita mfakkra mill-Qorti Ġenerali fil-punt 161 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni tgawdi minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa li l-eżerċizzju tagħha jimplika evalwazzjonijiet ekonomiċi u soċjali kumplessi, li għandhom isiru f'kuntest Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tivverifika l-legalità tal-eżerċizzju ta' tali libertà b'hekk ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha dwar is-suġġett ma' dik tal-Kummissjoni, iżda għandha tillimita ruħha li teżamina jekk din l-evalwazzjoni ta' din tal-aħħar hijiex ivvizzjata bi żball manifest jew abbuż ta' poter [18].

39. F'dan il-każ, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-għajnuna mogħtija mill-ELGA fl-2009 lill-impriżi speċjalizzati fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli fil-Greċja fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, il-Kummissjoni llimitat l-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali bl-adozzjoni tal-QKT. Fil-verżjoni oriġinali tagħha, din il-komunikazzjoni fil-fatt kienet teskludi tali għajnuna mill-iskema li tirrendi l-għajnuna mill-Istat inqas stretta li hija kienet stabbilixxiet [19]. Matul is-seduta, il-Kummissjoni essenzjalment indikat li din l-esklużjoni kienet iġġustifikata mill-partikolaritajiet tas-settur tal-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli, li jibbenefika minn miżuri ta' għajnuna fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Kien ukoll fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha li l-Kummissjoni ddeċidiet sussegwentement li temenda l-QKT dwar dan il-punt sabiex, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna mogħtija mit-28 ta' Ottubru 2009. Din l-evalwazzjoni kienet, skont il-Kummissjoni, immotivata mid-diffikultajiet li kienu dejjem qed jikbru tal-bdiewa sabiex jiksbu kreditu.

16 — Sentenzi Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-301/96, EU:C:2003:509, punt 106), u Freistaat Sachsen *et* vs Il-Kummissjoni (C-57/00 P u C-61/00 P, EU:C:2003:510, punt 98).

17 — Sentenza Banco Privado Português u Massa Insolvente do Banco Privado Português (C-667/13, EU:C:2015:151, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Sentenzi L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-66/02, EU:C:2005:768, punt 135); Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (C-88/03, EU:C:2006:511, punt 99), u Unicredito Italiano (C-148/04, EU:C:2005:774, punt 71).

19 — Il-paragrafu 3(h) tal-punt 4.2.2 tal-QKT. Tali għajnuna baqgħet għalkollox suġġetta għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006, tal-15 ta' Diċembru 2006, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli [107 TFUE u 108 TFUE] għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 348M, p. 925), li n-noti ta' qiegħ il-paġna 17 u 18 tal-QKT jagħmlu riferiment għalih.

40. Madankollu, kif tfakkar ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 187 tas-sentenza appellata, fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni hija marbuta bl-oqfsa u l-komunikazzjonijiet adottati minnha, sa fejn dawn ma jidderogawx mid-dispożizzjonijiet tat-trattat jew minn kwalunkwe dispożizzjoni oħra tad-dritt primarju [20].

41. Barra minn hekk, ir-Repubblika Ellenika, bl-ewwel parti tat-tielet aggravju tal-appell tagħha, ma għandhiex l-għan li tqajjem dubju dwar il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Qorti Ġenerali eżaminat l-eċċezzjoni ta' illegalità li kienet qajmet fir-rigward tal-paragrafu 3(h) tal-punt 4.2.2 tal-QKT, u li rriżultat mill-fatt li din tal-aħħar eskludiet mingħajr motivazzjoni mill-iskema li tirrendi inqas stretta l-għajnuna mogħtija lill-impriżi attivi fis-settur tal-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli. Barra minn hekk, hija ma għandhiex l-għan li tikkritika l-parti ta' din is-sentenza li fiha l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tagħha li l-Kummissjoni kienet obbligata tapplika l-emenda tal-QKT li saret f'Ottubru 2009 b'effett retroattiv fis-17 ta' Diċembru 2008.

42. Għaldaqstant, jien tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ewwel parti tat-tielet aggravju fis-sens li l-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet li l-Kummissjoni ma setgħetx titbiegħed mill-QKT, u b'mod partikolari, mill-esklużjoni stabbilita fil-paragrafu 3(h) tal-punt 4.2.2 tiegħu, fir-rigward tal-għajnuna kkontestata mogħtija mill-ELGA fl-2009, mingħajr ma tinstab fi ksur, skont il-każ, ta' prinċipji ġenerali tad-dritt, bħal dawk ta' ugwaljanza fit-trattament jew ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi [21].

43. Il-fatt li l-QKT ġie adottat mingħajr ma nkisbet l-approvazzjoni tar-Repubblika Ellenika ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward, hekk kif ġustament enfasizzat il-Kummissjoni matul is-seduta b'risposta għal domanda magħmula lill-partijiet. Ċertament, il-linji gwida proposti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri skont tal-*Artikolu 108(1) TFUE*, jirrappreżentaw, skont ġurisprudenza stabbilita, element ta' kooperazzjoni regolari u perijodika li fil-kuntest tagħha l-Kummissjoni twettaq mal-Istati Membri eżami permanenti tal-għajnuna eżistenti u tipproponilhom il-miżuri xierqa meħtieġa mill-iżvilupp progressiv jew il-funzjonament tas-suq komuni [22]. Meta dawn il-proposti għal miżuri xierqa jiġu aċċettati minn Stat Membru, huma jkollhom effett vinkolanti fir-rigward ta' dan tal-aħħar [23]. Evidentement, madankollu, dawn il-prinċipji ma japplikawx għal komunikazzjoni bħall-QKT, li biha l-Kummissjoni tillimita l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tgawdi minnha skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE u li huwa impost fuqha sakemm l-imsemmija komunikazzjoni ma tidderogax mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

## Konklużjoni

44. Għaldaqstant nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-ewwel parti tat-tielet aggravju bħala manifestament infondat.

20 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-288/96, EU:C:2000:537, punt 62); Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni (C-382/99, EU:C:2002:363, punt 24), u Holland Malt vs Il-Kummissjoni (C-464/09 P, EU:C:2010:733, punt 47).

21 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Banco Privado Português u Massa Insolvente do Banco Privado Português (C-667/13, EU:C:2015:151, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza kkonfermat, essenzjalment, li l-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma tinjora l-Artikolu 107(3) TFUE, tiddikjara għajnuna bħala inkompatibbli mas-suq intern biss minħabba li din ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti (ĠU 2008, C 270, p. 8) (ara l-punti 66 sa 75 tas-sentenza).

22 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi IJssel-Vliet, C-311/94, EU:C:1996:383, punti 36 u 37, u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-242/00, EU:C:2002:380, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 — Sentenzi IJssel-Vliet (C-311/94, EU:C:1996:383, punti 42 u 43); Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-111/10, EU:C:2013:785, punt 51); Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-117/10, EU:C:2013:786, punt 63); Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-118/10, EU:C:2013:787, punt 55), u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-121/10, EU:C:2013:784, punt 52). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza CIRFS *et* vs Il-Kummissjoni (C-313/90, EU:C:1993:111, punt 35).